# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 20 ta' Marzu, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 97/02mm**

**Vernon's Food Manufacturing & Trading Limited**

**vs**

**N. Ciantar & Sons Limited u Tonio Ciantar**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm1942.00)

ammont dovut mid-ditta konvenuta lis-socjeta' attrici wara bejgh u konsenja ta' merkanzija skond statement anness bhala dok A u skond skrittura ndikata mmarkata dokument B u mill-konvenut Tonio Ciantar bhala garanti in solidum a bazi ta' l-istess skrittura datata 27 ta' Lulju, 2001, (Dokument B).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tad-9 ta' Ottubru, 2001, u tat-30 ta' Novembru, 2001, u tal-Mandat ta' Qbid u ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment, u bl-interessi kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-partijiet tal-20 ta' Marzu, 2002, fejn il-konvenuti ammettew it-talba u inkorporaw ftehim li talbu li jkun sanat f'din is-sentenza.

Fuq l-iskorta ta' din in-nota tilqa' t-talba tas-socjeta'attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta li thallasha s-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm1942.00) ammont dovut mid-ditta konvenuta lis-socjeta' attrici wara bejgh u konsenja ta' merkanzija skond statement anness bhala Dok A ma' l-Avviz u skond skrittura a Fol 3 u mill-konvenut Tonio Ciantar bhala garanti in solidum a bazi ta' l-istess skrittura fuq imsemmija.  B'dana illi l-hlas tas-sorte, interessi u spejjez gudizzjari li ghandhom jaghmlu l-

konvenuti lid-ditta attrici ghandu jsir u jigi maqsum f'mija u erba' (104) pagamenti ugwali, wiehed kull gimgha, bl-ewwel pagament isir fit-18 ta' Marzu, 2002. F'kaz li l-konvenuti jonqsu milli jhallsu puntwalment zewg pagamenti (konsekuttivi jew mhux) jew l-ekwivalenti taghhom, l-atturi jkunu awtorizzati jesegwixxu s-sentenza ghal bilanc shih li jkun ghad fadal.

Il-fatt li minkejja li jkunu rcevew pagament tardivament l-atturi ma jagixxux skond id-dritt moghti lilhom kif fuq inghad ma jippregudikax bl-ebda mod id-drittijiet taghhom.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit

Dep Reg